**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 82**

**Data:** **14 ta' Novembru, 2018**

**Hin:** **12.38 pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

82.1 Approvazzjoni tal-Minuti tat-80 u 81 laqgha tal-Kunsill

82.2 Qasba Zejt *Myths, Folklore & Legends Festival* u Make Music Great Festival

82.3 Progett Permanent Sustainability Mobility Measure

82.4 Attivitajiet tal-Milied

82.5 Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali

82.6 Skeda ta' Pagamenti

82.7 Korrispondenza u materji ohra

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

82.8 Aggornament

---

**82.1 Approvazzjoni tal-Minuti tat-80 u 81 laqgha tal-Kunsill**

82.1.1 Il-minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**82.2 Qasba Zejt *Myths, Folklore & Legends Festival* u Make Music Great Festival**

82.2.1 Is-Sindku spjega li l-gimgha d-diehla ser titella' l-Opra inkluz il-festival tal-baned. Dan il-festival ser jinkludi fih l-eghluq tal-progett tat-town twinning fejn fost ohrajn ser jigu hafna nies ghal dan l-avveniment. Min-naha ta' punt organizzativ mit-Tnejn ser jitpogga il-palk fuq il-post fil-Pjazza u ghaldaqstant din ser tinghalaq ghat-traffiku. Shirley Anne Cecchini staqsiet dwar kif ser jopera t-trasport pubbliku. Gie spjegat li ser tintuza r-rotta alternattiva fejn it-Transport jghaddi minn Triq Dun Alwig Mizzi.

Fil-gurnata tas-Sibt il-palk ser jinbidel u jintuza b'mod differenti fejn in-nies ser ikunu qeghdin iharsu lejn il-faccata tal-knisja u fil-gurnata tal-Hadd ser jintuza palk zghir quddiem il-muzew tal-folklore simili bhal ma' gara s-sena precedenti.

Gie spjegat li ser ikun hawn fostna delegazzjonijiet mir-Reppublika Ceka, Portugal u Slovenia li dawn ser jaslu l-Gimgha u delegazzjonijiet ohrajn Taljani li ser jaslu s-Sibt. Ghal dawn id-delgazzjoni qeghdin isiru l-preparamenti mehtieg fir-rigward ta' akkomodazzjoni, ikel u transport.

Fil-gurnata tas-Sibt ser issir konferenza u wara ser isir tour bil-hop on hop off fejn minhabba n-numru ta' persuni li jiffurmaw parti mid-delegazzjoni ser ikun hemm bzonn li jintuzaw zewg buses ta' dan it-tip.

Is-Sindku spjega ukoll li fil-gurnata tal-Hamis il-Banda ser ticcelebra –il 15 l-anniversarju mit-twaqqif taghha b'quddiesa gewwa l-Knisja Bazilika u Parrokkjali ta' l-Gharb segwita' b'reception gewwa l-kazin tal-banda.

Il-Gimgha 23 ta' Dicembru ser ikun hawn l-opra fil-presenza tal-E.T. Marie Louise Coleiro, President ta' Malta. F'din l-istess gurnata ser isir ukoll il-ftuh ufficjali tal-kazin tal-banda. Is-Sindku spjega li kien ser isir ukoll il-ftuh ufficjali tan-Night Shelter pero' kienu ghaddejin diskussjonijiet min ser jifthu u ghal dan il-ghan din kienet ghada pendenti u x'aktarx tkun ghal darb'ohra. Filghaxija jkun hemm l-ikla ghal dawk mistednin.

Is-Sibt 24 ta' Dicembru filghaxija fis-6pm ser jitlaq marc bil-baned minn Triq il-Knisja sal-Pjazza u hemmhekk isir program simili bhal tas-sena l-ohra u jintemm b'ikla.

Il-Hadd 25 ta' Dicembru fid-9.30am ser issir l-inawgurazzjoni tal-Monument tal-gwerra fi Pjazza San Pietru fl-10am fejn wara titlaq parata minn din iz-zona ghal Pjazza u l-baned li huma parti minn din il-parata iridu jduru minn Triq Trux ghal Triq M Molina u Triq Frenc ta' l-Gharb qabel jidhlu fil-pjazza biex jaghmlu l-prezentazzjoni taghhom u jsir skambju ta' tokens. Il-baned partecipi ser ikunu minn Portugal, Slovenia, Italia, Wied il-Ghajn, Hal Qormi – San George, Sannat – Santa Margerita, Zebbug Ghawdex – Santa Maria u Gharb. Dan simili bhas-sena l-ohra.

Bhala inviti il-Kunsill qabel li ghandhom jintbghatu bhas-soltu u fil-kaz ta' l-opra ghandhom jintbghatu ukoll diversi persuni distinti u ta' certu livell fis-socjeta' fosthom membri parlamentarli, magristrati u ohrajn simili.

Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi mall-programm propost.

Emanuel Muscat staqsa jekk fi Pjazza San Pietru hux ser jitpoggew pjanti. Is-Sindku spjega li ser jitpoggew planters fuq il-post u ser issir ukoll bus shelter gdida.

Emanuel Muscat ssugerixxa sabiex jitpoggew planters fejn normalment ihallu l-iskart sabiex forsi ma jpoggux aktar skart. Min-naha tieghu s-Sindku qal li n-nies kienu qed juzaw dawn il-planters biex jitfghu l-iskart. Fuq dan il-punt hu zied jghid li qed ikun hawn inspectors iduru sabiex jaghtu l-multi minhabba l-iskart.
Emanuel Muscat qal ukoll li mhux sewwa li l-kuntrattur jigbor l-iskart u jaghmlu gzuz f'certu partijiet tal-lokalita' u fl-opinjoni tieghu dan mhux sewwa. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm trakk zghir idur halli ma jintefax fl-art. Ghaldaqstant gie deciz li l-kuntrattur ghandu jigi nfurmat bil-miktub sabiex dan ma jibqax isehh.

**82.2 Progett Permanent Sustainability Mobility Measure**

82.2.1 Kif diga gie diskuss il-Kunsill kien kiseb fondi dwar il-progett ta' permanent sustainability fejn bih kienu ser jinxtraw il-muturi ghal dawk bejn 16 u 18-il sena. Il-Kunsill gie infurmat li fil-prezent il-Kunsill kien qed jahdem sabiex tinhareg l-offerta' relata'. Il-Kunsill iddiskuta ukoll dwar min jista' jkun fuq il-bord ta' evalwazzjoni ta' l-offerta' fejn qabel li ghandu jkun iffurmat mis-Sindku bhala Chairman, Segretarju Ezekuttiv bhala Segretarja, Vici Sindku, Emanuel Muscat u Paul Zahra bhala evalwaturi. William Sultana ser ikun qed jaghti assistenza fuq l-offerta'.

**82.3 Attivitajiet tal-Milied**

82.3.1 Bhala attivitajiet tal-Milied ser issir l-ikla tal-Kunsill bhas-soltu. Giet diskussa fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir ikla f'nofsinhar u iktar 'il quddiem jigi deciz il-post u d-data.

82.3.2 Attivita’ ohra ser ikun il-party tat-tfal fejn gie spjegat li l-Kunsill ghadu qed jistenna min-naha tal-parrocca x’ser isir inkluz xi rigali li jistghu jinghataw lit-tfal. Il-Vici Sindku ssuggerit li jsir bhas-snin ta’ ilu fejn kienet issir harga u wara party inkluz loghob ghalihom. Il-Kunsill qabel li ghandu jistenna sabiex jara x’risposta ser ikun hemm min-naha tal-parrocca.

82.3.3 Attivita’ ohra ser issir fit-22 ta’ Dicembru fejn ser ikollna zjara mill-E.T. President ta’ Malta bhala parti mill-kampanja ta’ l-Istrina. Il-Kunsill qabel li ghandhom jitqassmu l-envelopes. Ghal din is-sena l-President ghanhom xi kotba ta’ Malta ghal bejn bi prezz ta’ €80 kull ktieb u l-fondi kollha miksuba ser imorru b’risq din il-kampanja. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtrwa dawn il-kotba ta’ Malta li jistghu jintuzaw bhala tokens.

Is-Sindku ssugerixxa sabiex waqt din l-attivita’ ssir inawgurazzjoni tal-ktieb ‘A History of Gharb’ ta’ Patrick Formosa fejn l-awtur ikun prezenti anke sabiex jiffirma l-ktieb flimkien mall-President. Gie spjegat li l-Kunsill kellu diga ordni ghal 80 ktieb. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.

82.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri li ghal Milied kienu intalbu xi arbli lill-Parrocca sabiex jintuzaw ghad-dekorazzjonijiet tal-Milied fil-Pjazza. Apparti dan, fid-29 ta’ Novembru ser tintrema’ l-Christmas Tree fil-Pjazza.

**82.4 Cirklarijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali**

82.4.1 Cirkulari SPI 12/2018 – Skema Finanzjarja favur il-Komunita’ – Hajja ahjar b’Ezercizzju Fiziku u Sports. Giet diskussa din ic-Cirkulari fejn il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-applikazzjoni tieghu.

**82.5 Skeda ta’ Pagamenti**

82.5.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill Lokali.

**82.6 Korrispondenza u Materji ohra**

82.6.1 Is-Sindku ssugerixxa li jitwaqqaf grupp ufficjali ta’ l-Infiorata li jigi registrat bhala V.O. u jkollu l-istatut tieghu. Huwa qal li ghandha inharsu ‘l quddiem sabiex dak li wettaq b'tant sagrificcju tal-membri partecipi ma’ jintilifx. Ghaldaqstant it-twaqqif ta' dan il-grupp ghandu jaghti l-awtonomija shiha. Wara diskussjoni kien maqbul li l-ewwel kumitat ghandu jservi ghal hames snin u jiprogetta pjan finanzjarju sabiex fl-2020 ikun f'posizzjoni li jippartecipa fil-kungress internazzjonali tal-infiorata li ser jinzamm f'Tokyo. Kif wiehed jaf dan huma post li biex wiehed jippartecipa irid jivvjagga u l-prezz tal-ajru huwa wiehed gholi mhux bhal fl-Ewropa. Dan il-grupp ikun irid isib mezzi ta’ kif jaghmel fund raising biex jippjana ghal dawn il-vjaggi u jiffirma ftehim mal-Kunsill dwar ghajnuniet finanzjarji dwar l-infjorata tal-festa ecc. Il-Kunsill iddecieda li jkun ghaqli jekk

jahtar l-ewwel President, Vici President u Segretarju filwaqt li l-kumitat jahtar PRO, Tezorier u membri ohra. B'dan il-mod ikun hemm garanzija li jekk xejn l-Infiorata tal-festa tkun tista' titkompla. Jekk il-Kunsill ikun irid jghin jista' jekk le dan il-grupp ikollu l-indipendenza tieghu sabiex ikompli. Sherily Anne Cecchini issugeriet lil David Apap bhala President u lil Emanuel Muscat bhala Vici President u fl-istess waqt Carmen Vella issugeriet lil Marica Farrugia bhala Segretarju. David Apap u Emanuel accetaw il-kariga, dwar Marica Farrugia ghandha tkun ikkuntatjata sabiex il-Kunsill jara jekk din hux qed tacceta il-kariga. Dawn il-karigi ghandhom ikunu konfermati mill-grupp filwaqt li dawn il-karigi ghandhom jibqghu fis-sehh ghall-hames snin mid-data tat-twaqqif ta' l-istatut.

82.6.2 Minghand Antonal Brass fejn dawn introducew il-band taghhom u offrew servizzi taghhom ghal attivitajiet.

82.6.3 Minghand il-Kumitat Festi Esterni tal-Vizitazzjoni, Gharb Ghawdex fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-Fiera ta' San Dimitri.

82.6.4 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand it-Transport Malta
Approvazzjoni ta' No Parking Sqaq fil-parti t'isfel ta' Triq Trux.
Approvazzjoni ta' Road Humps fi Triq tal-Wita'. Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li r-ritratt fejn hemm indikati s-site plan huwa l-istess wiehed mehud minn angli differenti. Sar qbil li ghandha tintlab kjarifika dwar dan.

82.6.5 Minghand il-Paralament bil-harga ufficjali taghhom ghax-xahar ta' Awwissu.

82.6.6 il-Vici Sindku semmiet li hemm bozza mitfija fl-ewwel sqaq fi Triq Trux. Is-Sindku spjega li din diga rrapurtata lill-Enemalta.

82.6.7 Il-Vici Sindku semmiet li hemm tappiera li trid manutenzjoni fi Sqaq il-Fgura fejn hemm l-ewwel sqaq.

**82.7 Aggornament**

82.7 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 20 ta' Dicembru, 2018 fin-1.00pm.

81.10.2 Il-laqgha spiccat fis-1.45pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |